Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/0101(COD)

21.11.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni
(COM(2025)0186 – C10-0069/2025 – 2025/0101(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marco Tarquinio

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Introduzzjoni

Anke jekk il-ħidma lejn armonizzazzjoni tal-listi tal-pajjiżi ta' oriġini sikuri tista' titqies bħala pass pożittiv lejn sistema komuni tal-asil tal-UE, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi inklużi fil-lista proposta tal-Kummissjoni ma jistgħux jitqiesu bħala "sikuri". Ksur kontinwu u ddokumentat sew tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż theddid għal-libertà tal-espressjoni, ir-repressjoni politika, u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-persekuzzjoni ta' gruppi vulnerabbli, jikkontradixxi tali valutazzjoni.

Il-proposta emendata tal-Kummissjoni tirriskja li timmina d-dritt għal rimedju effettiv għall-applikanti għall-asil, iggarantit skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u tikkostitwixxi forma ta' esternalizzazzjoni tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali tal-UE. Fil-fatt, il-proposta tittrasferixxi r-responsabbiltà fuq pajjiżi terzi filwaqt li ddgħajjef l-aċċess għal proċeduri tal-asil ġusti u effettivi fl-UE.

Nuqqas ta' salvagwardji proċedurali sostanzjali

Il-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sikur" huwa bbażat fuq preżunzjoni konfutabbli ta' sikurezza, u b'hekk l-oneru tal-provi jiġi ttrasferit fuq l-applikant u jservi bħala bażi għal proċeduri aċċellerati u fuq il-fruntiera. Tali approċċ jimmina ċ-ċertezza legali minħabba li:

a) idgħajjef il-prinċipju ta' valutazzjoni individwalizzata tal-asil – il-pedament tal-liġi dwar ir-refuġjati – li permezz tiegħu kull applikant huwa intitolat għal evalwazzjoni bbażata fuq il-mertu;

b) jippermetti li l-iskadenzi jitqassru, li l-aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza legali jiġi ristrett, u li jiġi preżunt li t-talbiet ikunu probabbilment bla bażi, u b'hekk titnaqqas il-kapaċità tal-persuni li jfittxu l-asil li jippreżentaw il-każ tagħhom;

c) flimkien mal-eliminazzjoni tal-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli kontra deċiżjonijiet negattivi previsti fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil (APR)[1], joħloq r-riskju ta' deportazzjoni wara proċedura aċċellerata qabel it-tlestija sħiħa ta' proċedura ġudizzjarja.

Il-Kummissjoni saħansitra naqset milli tippubblika l-kriterji u s-sorsi kollha użati għad-deżinjazzjoni tal-pajjiżi terzi sikuri. Dan in-nuqqas ta' trasparenza jimmina serjament id-dritt għal rimedju effettiv u jonqos milli jipprovdi s-salvagwardji proċedurali meħtieġa, peress li jnaqqas kemm il-kapaċità tal-applikanti li jikkontestaw id-deċiżjonijiet, kif ukoll il-kapaċità tal-awtoritajiet ġudizzjarji li jirrieżaminawhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fis-sentenza reċenti tagħha tal-1 ta' Awwissu 2025 (il-Kawża C-758/24) fakkret li d-deżinjazzjonijiet iridu jkunu bbażati fuq sorsi affidabbli, aġġornati, trasparenti u aċċessibbli. Madankollu, il-Kummissjoni ma ppubblikatx is-sorsi tagħha. Il-Membri tal-PE rċevew aċċess għad-dokumenti rilevanti tal-EUAA dwar il-

[1] Ir-Regolament 2024/1348 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE

pajjiżi ta' oriġini sikuri identifikati li ġew ipprovduti lill-Kummissjoni fid-dawl ta' din il-proposta, abbażi ta' konsultazzjoni ta' "ħtieġa ta' tagħrif". L-ebda sors ieħor ma ġie identifikat jew żvelat b'mod ċar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, u lanqas ma sar aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-kriterji tar-rata ta' rikonoxximent ta' 20 % fl-UE kollha

Id-dipendenza fuq rata ta' rikonoxximent fil-livell tal-UE ta' 20 % bħala limitu minimu għad-deżinjazzjoni ta' pajjiż bħala sikur mhijiex sostanzjata minħabba li:

a) rata ta' rikonoxximent waħda minn kull ħamsa hija 'l bogħod milli tkun negliġibbli u turi li gruppi sinifikanti ta' applikanti huma tabilħaqq fil-bżonn ta' protezzjoni;

b) ir-rati ta' rikonoxximent fil-livell tal-Istati Membri jistgħu jvarjaw drastikament;

c) anke jekk ir-rata ġenerali ta' rikonoxximent hija baxxa, il-kategoriji vulnerabbli, bħan-nisa, il-persuni LGBTIQ, u l-minoranzi etniċi u reliġjużi, jistgħu jiffaċċjaw riskji akbar ta' persekuzzjoni u ħsara serja;

d) ċerti reġjuni f'pajjiż jistgħu ma jkunux sikuri minkejja preżunzjoni ġenerali ta' sikurezza.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-korrelazzjoni bejn ir-rata ta' rikonoxximent ta' 20 % u l-kunċett ta' "sikurezza" ma tistax isservi bħala bażi soda għall-inklużjoni fil-lista.

Pajjiżi kandidati

L-istatus ta' kandidat mhuwiex biżżejjed biex jiġi ddeterminat jekk pajjiż huwiex sikur. Il-kriterji ta' Copenhagen huma punti ta' riferiment għall-adeżjoni mal-UE, mhux valutazzjoni bir-reqqa dwar id-drittijiet tal-bniedem fiż-żmien meta jingħata l-istatus ta' kandidat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinkludi fost il-kundizzjonalitajiet riskji bħad-diskriminazzjoni sistemika kontra l-minoranzi, ir-rigress demokratiku jew it-tifqigħat ta' kunflitt armat li jistgħu jseħħu matul il-proċess ta' adeżjoni.

Kandidat potenzjali għall-adeżjoni mal-UE:

Il-metodoloġija użata għall-pajjiżi kandidati għandha tiġi applikata wkoll għal kandidati potenzjali.

Pajjiżi oħra ta' oriġini

Abbażi tal-informazzjoni mill-EUAA u minn organizzazzjonijiet rilevanti oħra, ma hemm l-ebda raġuni suffiċjenti biex il-Bangladesh, il-Kolombja, l-Eġittu, l-Indja, il-Marokk u t-Tuneżija jiġu ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin għandu jippreżenta dan li ġej lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sikur trid tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali, u sakemm l-applikant ikollu n-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment	(3) Il-fatt li pajjiż terz jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur, fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell nazzjonali, ma jistax jikkostitwixxi garanzija assoluta ta' sikurezza għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż u għalhekk ma jneħħix il-ħtieġa li jitwettaq eżami individwali tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikant ma jkunx jista' jipprovdi elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalih, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali ***bil-garanziji stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2024/1348***, u sakemm l-applikant ikollu n-

residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru ***dannu serju***.

nazzjonalità ta' dak il-pajjiż jew ikun persuna apolida u qabel kien abitwalment residenti f'dak il-pajjiż. L-applikazzjoni tal-kunċett fil-kuntest tal-evalwazzjoni individwali hija mingħajr preġudizzju għall-fatt li ċerti kategoriji ta' applikanti***, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u etniċi, l-attivisti politiċi, il-persuni apolidi u l-ġurnalisti,*** jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċifika fil-pajjiżi terzi dežinjati u għalhekk jista' jkollhom biża' ġustifikat li jiġu ppersegwitati jew jiffaċċjaw riskju reali li jsofru ***ħsara serja***.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi oħra hija bbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348.	(5) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi oħra hija bbażata fuq firxa ta' sorsi ta' informazzjoni rilevanti u disponibbli, inkluża***, iżda mhux limitata għal,*** informazzjoni mill-Istati Membri, mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil ("l-Aġenzija għall-Ażil"), mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra***, inklużi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mhux governattivi indipendenti***. Fejn disponibbli, il-valutazzjoni tqis ukoll l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348. ***Is-sorsi jenħtieġ li jkunu aċċessibbli, trasparenti, affidabbli u aġġornati, anke biex jiġu żgurati d-dritt għal rimedju effettiv u s-salvagwardji***

proċedurali xierqa.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. ***Għalhekk,*** jista' jiġi konkluż li ***dawk*** il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li ***jiġu ddeżinjati*** bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri***, ħlief fejn japplikaw iċ-ċirkostanzi*** li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż; ***jew meta r-rata ta' rikonoxximent fl-UE kollha li tappartjeni għall-applikanti mill-pajjiż tkun ogħla minn 20 %.***	(6) Il-pajjiżi kandidati tal-UE ngħataw dan l-istatus mill-Kunsill Ewropew permezz ta' deċiżjoni unanima, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji politiċi għas-sħubija fl-UE, il-pajjiżi kandidati tal-UE nstabu li għamlu progress***, meta ngħataw l-istatus tagħhom,*** biex jilħqu l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom. Jista' jiġi konkluż li ***pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jistgħu jitqiesu bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1348 u jistgħu jiġu ddeżinjati kif xieraq bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, l-adeżjoni mal-UE mhijiex proċess lineari. Jista' jseħħ rigress demokratiku, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiżi kandidati, kif ukoll dewmien sinifikanti jew iffriżar de facto tan-negozjati tal-adeżjoni mal-UE. Għalhekk,*** il-pajjiżi terzi li ngħataw status ta' kandidat tal-UE jenħtieġ li ***ma jiġux iddeżinjati*** bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri ***jekk mir-rieżami kontinwu speċifiku għall-pajjiż jirriżulta li***

l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61 ma għadhomx issodisfati jew li tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż ***jew rigress serju tad-demokrazija, tal-istat trad-dritt jew tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluż meta n-negozjati tal-adeżjoni jkunu ġew sospiżi jew iffriżati***; jiġu adottati miżuri restrittivi skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tal-pajjiż;

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u l-ġurnalisti.	(17) L-indikazzjoni ta' dawk il-pajjiżi bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regola stabbilita fir-Regolament 2024/1348, li skontha l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur biss meta l-applikanti ma jkunux jistgħu jipprovdu elementi li jiġġustifikaw għaliex il-kunċett ta' pajjiż ta' oriġini sikur ma jkunx applikabbli għalihom, fil-qafas ta' valutazzjoni individwali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti li jinsabu f'sitwazzjoni speċifika f'dawk il-pajjiżi, bħall-persuni LGBTIQ, il-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi reliġjużi u ***etniċi, l-attivisti politiċi, il-persuni apolidi u*** l-ġurnalisti.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jentieġ li tiġi enfasizzata l-importanza tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil bħala l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-asil filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u biex tingħata protezzjoni umana lil dawk li ġenwinament jeħtiġuha. Għalhekk, l-applikazzjoni rapida tal-partijiet tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil li diġà jistgħu jiġu applikati hija tal-akbar importanza.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Għandu jiġi enfasizzat li l-iskop tal-proċedura fuq il-fruntiera huwa li teħles lis-sistema mill-piż tal-ipproċessar, permezz ta' proċeduri tal-asil. L-għan huwa li toffri protezzjoni aħjar u aktar rapida lil dawk li huma intitolati għal protezzjoni internazzjonali, billi jiġu identifikati kmieni fis-sistema.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-drittijiet*** fundamentali ***u josserva l-prinċipji rikonoxxuti*** b'mod partikolari	(23) Dan ir-Regolament ***irid jiġi applikat bir-rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali ***minquxa fil-Karta tad-***

mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.	***Drittijiet Fundamentali tal-UE,*** b'mod partikolari ***l-Artikoli 18, 19 u 47 tagħha***.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Artikolu 62***, il-paragrafu 1*** huwa emendat kif ġej:	(1) L-Artikolu 62 huwa emendat kif ġej:

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a – parti introduttorja
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan*** li ġej:	(a) ***jiddaħħal il-paragrafu 1a*** li ġej:

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm ma ***tapplikax*** waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***1a. F'konformità mal-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4,*** il-pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' stati kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni huma ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni, sakemm***, skont ir-rieżami speċifiku għall-pajjiż,*** ma ***japplikawx***

waħda ***jew aktar*** miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż;	(a) ikun hemm theddida serja u individwali għall-ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern fil-pajjiż ***jew rigress serju tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluż meta n-negozjati tal-adeżjoni jkunu ġew iffriżati jew sospiżi formalment***;

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikanti mill-pajjiż — jew iċ-ċittadini tiegħu jew residenti abitwali preċedenti f'każ ta' persuni apolidi — ikun ogħla minn 20 % skont l-aħħar data medja annwali tal-Eurostat għall-Unjoni kollha.";	***imħassar***

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – parti introduttorja
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal ***il-paragrafu 1a*** li ġej:	(b) jiddaħħal ***il-paragrafu 1b*** li ġej:

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II ***għandhom jiġu*** ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni;	***1b. F'konformità mal-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4,*** il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II ***huma*** ddeżinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni;

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) L-Artikolu 62, il-paragrafu 2, huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Il-Kummissjoni ***għandha tirrieżamina s-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi li huma dežinjati bħala pajjiżi ta' oriġini sikuri***, ***bl-assistenza tal-Aġenzija għall-Ażil u abbażi ta' sorsi oħra ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61***(***3***).	2. Il-Kummissjoni***, bl-assistenza tal-Aġenzija għall-Ażil u abbażi tas-sorsi l-oħra ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 61(3)***, ***għandha tirrieżamina kontinwament jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 61 u kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti***

(a) jew (b) japplikawx għal pajjiż terz li diġà jitqies bħala pajjiż ta' oriġini sikur.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li fl-opinjoni tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-opinjoni, qabel l-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Council on Refugees and Exiles (ECRE)
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[2] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tar-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni
Referenzi	COM(2025)0186 – C10-0069/2025 – 2025/0101(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 16.6.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 16.6.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marco Tarquinio 1.9.2025
Eżami fil-kumitat	24.9.2025
Data tal-adozzjoni	20.11.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 8 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Petras Auštrevičius, Wouter Beke, Adam Bielan, Ľuboš Blaha, Ioan-Rareş Bogdan, Grzegorz Braun, Sebastião Bugalho, Tobias Cremer, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Christophe Gomart, Bernard Guetta, Hana Jalloul Muro, Sandra Kalniete, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, Rihards Kols, David McAllister, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nela Riehl, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Villy Søvndal, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Marta Temido, Cristian Terheş, Riho Terras, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Jaume Asens Llodrà, Krzysztof Brejza, Seán Kelly, Alessandra Moretti, Hans Neuhoff, Marjan Šarec, Sven Simon, Marco Tarquinio, Matthieu Valet
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Juan Fernando López Aguilar, Jan-Christoph Oetjen, Paulius Saudargas, Günther Sidl, Dimitris Tsiodras, Juan Ignacio Zoido Álvarez

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
PPE	Wouter Beke, Ioan-Rareş Bogdan, Krzysztof Brejza, Sebastião Bugalho, Loucas Fourlas, Michael Gahler, Christophe Gomart, Sandra Kalniete, Seán Kelly, Łukasz Kohut, Ondřej Kolář, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Paulius Saudargas, Sven Simon, Riho Terras, Dimitris Tsiodras, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Petras Auštrevičius, Bernard Guetta, Jan-Christoph Oetjen, Marjan Šarec, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans
S&D	Tobias Cremer, Hana Jalloul Muro, Juan Fernando López Aguilar, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Günther Sidl, Marco Tarquinio, Marta Temido

8	-
ECR	Adam Bielan, Rihards Kols, Cristian Terheş
ESN	Hans Neuhoff
NI	Grzegorz Braun, Kostas Papadakis
PfE	Hermann Tertsch, Matthieu Valet

5	0
NI	Ľuboš Blaha
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Nela Riehl, Mounir Satouri, Villy Søvndal

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni